MINN TONIO FARRUGIA



# Kampjonat 1956-57

# Jiġi fi tmiemu r-rekord ta' imbattibbiltà

## It-Tmien Ġurnata

**26-01-1957:**
**Sliema Wdrs. FC – Rabat FC 7-1**
**H.T 2-1**
**Ref: Major Alex Upfold (REME)**
**Skorjaw: S. Nicholl (S) 24', S. Schembri (S) 26', P. Said (R) 35', C. Mattocks (S) 47', S. Nicholl (S) 71', J. Xuereb (S) 72' u S. Nicholl (S) 74' u 87'.**
**Att: 3,534**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Rabat FC:* Tony Micallef, Frank Camenzuli, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Ernest Chappelle, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charles Zammit, Pawlu 'Tal-Imtarfa' Vassallo.

1. Sliema Wanderers sofrew l-ewwel gowl fil-Kampjonat wara sitt logħbiet u 35 minuta. Il-gowlkeeper tagħhom Victor Scerri baqa' għalhekk mhux megħlub f'dan il-kampjonat għal rekord għal dak iż-żmien ta' 575 minuta. Magħhom iridu jiżdiedu għaxar minuti oħra meta l-aħħar gowl li kien sofra Scerri kien wasal fl-10 ta' Marzu 1956 meta kien megħlub minn Tony Cauchi ta' Floriana FC għaxar minuti mit-tmiem tal-partita. Ir-rekord ta' Victor Scerri jieħu dimensjonijiet akbar meta wieħed jgħodd ukoll il-Final tax-Scicluna Cup u ż-żewġ partiti tal-Cassar Cup li fihom ukoll ma kienx megħlub biex b'kollox dam 855 minuta ma jsofri gowl f' kompetizzjonijiet tal-MFA.

**27-01-1957:**
**Hibernians FC – Marsa FC 2-1**
**H.T 0-1**
**Ref: Ron Maskell**
**Skorjaw: Vidal (M) 10', L. Cassar (H) 62' u J. Ciantar (H) 68'.**
**Att: 1,576**

*Hibernians FC:* Micallef, Sunny Anastasi, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Joe 'Puskas' Muscat, Leli Spiteri, Fredu Church, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar, Leli Sultana, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

*Marsa FC*: Salvu Alamango, Ġużi 'Ta' Pranza' Attard, Ernie Glynn, Edward Azzopardi, Nenu Fabri, Leli Borg Bonaci, Neriku Buttigieg, Carmel Attard, Fenech, Vidal, Fredu 'Steak' Abela.

1. Hibernians FC kisbu l-ewwel rebħa f'dan il-Kampjonat. Qabel din il-partita iż-żewġ timijiet kienu jinsabu fil-qiegħ tal-klassifika mingħajr rebħa u bi tliet punti kull wieħed.

**01-02-1957:**
**Sliema Wdrs. FC – Marsa FC 8-0**
**H.T 3-0**
**Ref: Turu Lentini**
**Skorjaw: J. Xuereb (S) 3', T. Nicholl (S) 22', S. Nicholl (S) 32' u 46', J. Xuereb (S) 51' u 63', C. Mattocks (S) 78' u S. Schembri (S) 83'**
**Att: 1,862**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Marsa FC:* Salvu Alamango, Nenu Fabri, Ernie Glynn, Edward Azzopardi, Frans Borg, Vidal, Neriku Buttigieg, Willie Bowerman, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Freddie 'Steak' Abela, Żużu 'Qomos' Sciberras.

1. Din il-partita suppost li kellha tintlagħab fit-3 ta' Novembru, 1955, iżda Marsa FC kienu ressqu talba quddiem l-MFA sabiex il-partita tintlagħab f'xi ġurnata oħra minħabba li jumejn biss qabel kienu nvoluti f'partita oħra mill-Kampjonat kontra Birkirkara FC. It-talba tagħhom kienet ġiet milqugħa mill-MFA.

2. Marsa FC daħħlu protest quddiem l-MFA kontra r-riżultat ta' din il-partita wara li sostnew li l-plejer Charlie Mattocks kien ineliġibbli minħabba li sat-3 ta' Novembru, 1956, id-data oriġinali ta' din il-fixture, kien għadu ma rreġistrax mal-Wanderers. Marsa tilfu l-protest.

3. Nistgħu ngħidu li r-riżultat kien ħanin ma' Marsa meta bejn l-ewwel u t-tieni gowl Sliema laqtu l-lasta tliet darbiet minn Sammy Nicholl, Joe Xuereb u Salvinu Schembri, filwaqt li bejn is-seba' u t-tmien gowl il-Wanderers reġgħu laqtu l-lasta darbtejn oħra minn Joe Xuereb u Tony Nicholl.

4. Eżatt qabel din il-partita, fis-2.15 p.m., fil-logħba mill-Kampjonat tar-Reserves bejn l-istess żewġ timijiet, Sliema Wanderers kienu għelbu lil Marsa 7-0 b'gowls ta' Wally Hili, Henry Balghy, Ġulinu Muscat darbtejn, Robbie Buttigieg darbtejn u awto-gowl. Ġimagħtejn wara,



Il-plejers Maltin u dawk Awstrijaċi (2-3) wara l-ewwel partita internazzjonali ta' Malta, fl-24 ta' Frar, 1957

# ta' Victor Scerri

fis-17 ta' Frar 1957, f'partita mill-Kampjonat U/21 għal darb'oħra Sliema Wanderers reġgħu għelbu lil Marsa bl-iskor kbir ta' 8-1.

**02-02-1957:**
**Floriana FC – Ħamrun Sp. FC 2-1**
**H.T 0-0**
**Ref: R.S.M Carmel Galea (R.M.A)**
**Skorjaw: L. Borg (F) 60', Ġ. Buttigieg (Ħ) 67' u P. Demanuele (F) 85'.**
**Att: 5,383**

*Floriana FC*: Edwin Zammit, Lolly Debattista, Roy Swift, Joe Cini, John Delia, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Leli 'It-Tirjule' Borg, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, Effie Borg, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Freddie Falzon, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Armando Drago, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri.

1. Leli Borg irritorna fit-tim tal-Ispartans wara li kien weġġa' kontra Birkirkara, fl-10 ta' Novembru 1956.

2. Tony Dalli kien nieqes għal Floriana wara li kien involut fl-inkwiet fil-partita tar-Reserves kontra Sliema Wanderers fejn kien ġie sospiż sa tmiem dan l-istaġun wara li attakka b'mod vjolenti plejer avversarju. Minfloku daħal John Delia.

3. Kien hemm protesti ħorox min-naħa tal-Ispartans li sostnew li Pullu Demanuele kien f'pożizzjoni ta' offside meta skorja l-gowl tar-rebħa Furjaniża. Fil-fatt il-gowlkeeper Ġużi Bonnici minflok hareġ fuq Demanuele li kien tiela' waħdu beda jxejjer idejh għal offside. Il-linesman ma xejjirx il-bandiera u r-referee Galea kkonvalida l-gowl.

**03-02-1957:**
**Valletta FC – Birkirkara FC 3-1**
**H.T 0-1**
**Ref: George Degiorgio.**
**Skorjaw: L. Saliba (B) 32', N. Mackay (V) pen. 50' u F. Zammit (V) 56' u 71'.**
**Att: 3,714**

*Valletta FC:* Bertu 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Karm Borg, Joe Attard, Josie Urpani, Silvio Rapinett, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Norman Bell, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Stephen Samut Tagliaferro, Leli 'Il-Likku' Saliba, Joe 'Il-Gross' Pisani, Lino Lanzon.

1. Mal-gowl ta' Leli Saliba ta' Birkirkara kien hemm tfiegħ ta' ġebel u fliexken mill-partitarji Beltin fid-direzzjoni tal-partitarji ta' Birkirkara.

2. Eżatt kif ġara fl-ewwel round, Birkirkara għalqu l-ewwel taqsima fil-vantaġġ filwaqt li Valletta skorjaw tliet gowls fit-tieni taqsima. Fl-ewwel round il-partita kienet intemmet fi draw ta' 3-3 wara vantaġġ ta' 3-0 għal Birkirkara sal-mistrieħ.

*Klassifika*: Sliema Wdrs. FC 16-il pt.; Floriana FC 13-il pt.; Valletta FC 11-il pt.; Ħamrun Sp. FC 7 pti.; Birkirkara FC u Hibernians FC 5 pti.; Rabat FC 4 pti.; Marsa FC 3 pti.

*L-Aqwa Skorers*: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 10 gowls; T. Cauchi (Floriana FC) 7 gowls; T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) u N. Mackay (Valletta FC) 5 gowls; L. Borg (Floriana FC), S. Schembri u J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) u F. Zammit (Valletta FC) 4 gowls.

## Aħbarijiet

Fit-3 ta' Frar, 1957, infetaħ it-Tony Nicholl Ground li kien jinsab fil-Manoel Island, il-Gżira. Għall-okkażjoni saret partita ta' ħbiberija bejn Sliema Wanderers u t-tim tal-RAF, Ta' Qali, fejn il-Wanderers ħarġu rebbieħa 4-1 b'gowls minn Joe 'Jockey' Xuereb, Salvinu Schembri u darbtejn Tony Nicholl filwaqt li Birbeck wieġeb għat-tim tas-Servizzi.

**Fil-preparamenti tagħha għall-ewwel partita tat-tim nazzjonali Malti kontra l-Awstrija għall-Ħadd 24 ta' Frar, 1957, l-MFA kienet imħassba minħabba li ġurnata qabel kellha tintlagħab il-partita annwali bejn in-Navy u l-Army fejn xi plejers imsejħa biex jilagħbu ma' Malta kienu ser jilagħbu f'din il-partita wkoll. Għal dan il-għan, l-MFA kitbet liż-żewġ timijiet tas-Servizzi fejn talbithom iċaqilqu d-data tal-logħba. Min-naħa tagħha, in-Navy informat lill-MFA li huma ma kellhom l-ebda plejer Malti fit-tim tagħhom filwaqt li l-Army aċċettat li għal dik il-logħba kienu ser jilagħbu mingħajr Tony Cauchi, Salvinu Schembri, Charlie Bennetti u Żarenu Alamango.**

Wara diversi talbiet għall-maħfra minn plejers li kienu qed jinqabdu jilagħbu ma timijiet tal-MAFA, l-MFA avżat li wara l-15 ta' Frar ma kinitx ser taċċetta aktar talbiet simili mingħand il-plejers minħabba li issa kulħadd huwa konxju li ma jistax jilgħab fil-MAFA u fl-MFA fl-istess ħin. Wara dan l-avviż, u qabel id-data tal-għeluq, daħlu diversi talbiet għall-maħfra fosthom minn xi ismijiet popolari bħal ta' Fred Barry li kien fuq il-kotba ta' Hibernians.

Fil-21 ta' Frar, 1957, il-plejer Leli Stivala ingħata permess biex ifittex lill-klabb tiegħu Vittoriosa Stars għad-danni ta' £26 wara li l-ħwejjeġ u affarijiet oħra personali tiegħu li kien ħallihom fil-każin kienu sfaw meqruda minn xi nies irrabjati.

L-24 ta' Frar, 1957, tibqa' mfakkra bħala ġurnata storika għat-tim nazzjonali Malti meta fl-Istadium tal-Gżira Malta lagħbet l-ewwel partita internazzjonali fejn tlifna 2-3 kontra l-Awstrija. L-Awstrijaċi kienu fetħu vantaġġ ta' tliet gowls skorjati minn awto-gowl ta' Ġużi Bonnici, Theodore Wagner u Walter Haummer iżda żewġ gowls lejn tmiem il-partita minn Sammy Nicholl fis-87 minuta u Tony Cauchi żewġ minuti wara għamlu r-riżultat aktar rispettabbli għat-tim Mati. Għall-ewwel, fit-8 ta' Frar 1957, kien tħabbar li l-Awstrija kienu ser jiġu bit-tim B fi triqithom lejn Munich fejn, fit-3 ta' Marzu, kellhom partita kontra Ġermanja B iżda, fit-12 ta' Frar, 1957, l-FA tal-Awstrija kienet informat lill-MFA li kienu ser jiġu bit-tim nazzjonali A.

Fid-29 ta' Frar, 1957, Sliema marru Benghazi fil-Libja fejn lagħbu żewg partiti ta' ħbiberija. Fl-ewwel konfront fl-1 ta' Marzu 1957 huma għelbu lil El Ahli SC 6-3 bil-gowls tagħhom jaslu minn hat-trick ta' Sammy Nicholl, żewġ gowls ta' Joe Xuereb u gowl ta' Charles Mattocks filwaqt li fit-tieni konfront, jumejn wara f'partita goffa, huma sfaw megħluba 1-2 minn Hilal FC bil-gowl tal-Wanderers jiskorjah Tony Nicholl.